## QORTI ĊIVILI
## PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM 18 TA' MEJJU, 2021**

**Rikors Numru: 481/2021 RGM**

**Fl-Atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 481/2021 fl-ismijiet:-**

**Peter Paul Grima u Francine Debono**

**Vs**

**Philippa sive Lynn Zahra u Chase Zammit**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ta' Peter Paul Grima et.** tad-29 ta' Marzu 2021 li permezz tiegħu u għar-raġunijiet hemm mogħtija talbu lil din il-Qorti toħroġ Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimati milli:-

(1) Bi kwalunkwe mod u majiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bħala diretturi u/jew azzjonisti, jipotekaw, ibiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod ieħor jiddisponu minn kwalunkwe proprjeta', mobbli jew immobbli, li wirtu mingħand id-defunt Joseph Grima.

(2) Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bħala rappreżentanti u/jew diretturi u/jew azzjonisti tal-kumpaniji li wirtu ishma fihom mingħand id-defunt Joseph Grima, fosthom International Communications Corporation Ltd, jipotekaw, ibiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod ieħor jiddisponu minn kwalunkwe assi tal-istess kumpaniji, mobbli jew immobbli, inkluz b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, bl-għan illi jiżvesuhom mill-assi tagħhom;

(3) Bi kwalunkwe mod u manjiera, personalment jew tramite terzi, direttament jew indirettament, bħala rappreżentanti u/jew diretturi u/jew azzjonisti tal-kumpaniji li wirtu ishma fihom mingħand id-defunt Joseph Grima, fosthom International Communications Corporation Ltd, jipotekaw, ibiegħu, ineħħu, jittrasferixxu jew bi kwalunkwe mod ieħor jiddisponu minn ishma reġistrati f'isimhom fl-istess kumpaniji, inkluz b'titolu oneruż u/jew gratuwitu, li għandhom fl-istess kumpaniji jew jagħtu kwalunkwe struzzjoni li twassal għal istralċ tal-istess kumpaniji;

Rat ir-risposta tal-intimati Philippa Zahra et. tas-26 ta' April 2021 li permezz tagħha għar-raġunijiet hemm mogħtija qed jopponu ir-rikors imsemmi.

Semgħat it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fl-udjenza tat-12 ta' Mejju 2021.

Rat li r-rikors tħalla għad-deċiżżjoni in camera.

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat;

**Fatti Antecedenti r-Rikors**.

Ir-rikorrenti huma ulied id-defunt Joseph Grima filwaqt li l-intimati huma l-eredi universali tiegħu. Joseph Grima miet fit-3 ta' Frar 2017. Kien separat legalment minn martu Angela Grima in forza ta' kuntratt tal-25 ta' Mejju 2002. Qabel ġie nieqes id-defunt Joseph Grima, huwa u l-intimata Philipa Zahra kienu ilhom jikkoabitaw għal għexieren ta' snin.

Mill-atti jirriżulta illi fil-21 ta' Jannar 2017 Joseph Grima kien ħalla lill-intimata Philippa Zahra eredi universali u padruna assoluta tal-ġid kollu tiegħu fil-persentaġġ ta' 75% filwaqt li ħalla lill-intimata Chase Zammit, il-wild naturali tal-intimata Zahra, eredi universali u padruna assoluta tal-ġid kollu tiegħu fil-persentaġġ ta' 25%; u dan apparti disposizzjoniijet testamentarji oħra fl-istess testment.

Kontestwalment mar-rikors in diżamina r-rikorrenti, li wkoll qed jaġixxu fil-vesti tagħhom bħala l-akkwirenti mingħand żewġ ħuthom oħra ulied ukoll tal-imsemmi Joseph Grima, tad-dritt litiġjuż dwar il-wirt ta' missierhom, intavolaw kawża kontra l-intimati għal-likwidazzjoni u ħlas tas-sehem riżervat mill-wirt ta' Joseph Grima lilhom spettanti bħala ulied tal-istess Joseph Grima.

Ir-rikorrenti jsostnu illi l-intimati għandhom il-ħsieb illi jitrasferixxu assi li kienu jappartjenu lid-defunt liema trasferiment iqisu li ser jilledi id-drittijiet tagħhom pretiżi fil-kawża imsemmija stante illi jekk iseħħ tali trasferiment ma jkunx hemm assi fuq xhiex jeżegwixxu t-titolu eżekuttiv li qed jistennew li jottjenui mill-kawża minnhom intavolata.

**Kontestazzjoni**.

L-intimati qed jikkontestaw ir-rikors de quo billi resqu s-segwenti eċċezzjonijiet:-

**1.** Ir-rikors promotur huwa null u irritwali billi ma sarx skond l-artikolu 874 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

**2.** Ir-rikorrenti kien imisshom jindikaw l-ammont li qed jippretendu sabiex jiġi mistħarreġ jekk dik il-pretensjoni hiex prima facie ġustifikata jew eċċessiva.

**3.** Ir-rikorrenti jonqsu milli jissostanzjaw il-valur tal-assi ereditarji.

**4.** It-tielet talba ma tistax tintlaqa' stante li l-liġi tipprovdi mezz ieħor ta' kawtela.

**5.** Ir-rikors ma jistax jiġi milqugħ stante li ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti bl-artikolu 873 tal-Kap. 12.

**6.** Iċ-ċessjoni li saret bejn ir-rikorrenti u ħuthom l-oħra ma hijiex opponibbli fil-konfront tagħhom stante li ma sarx dak li jrid l-artikolu 1471 tal-Kap. 16.

**7.** Stante li d-dritt tal-leġittimarju ma hux in re fuq il-ħwejjeġ tal-wirt, it-trasferimenti magħmula mill-werrieta ma jippreġudikawx il-pretensjoni tal-leġittimarju.

Ikkonsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

**L-Eċċezzjonijiet tal-Intimati** illi:

> ***Ir-rikors promotur huwa null u irritwali billi ma sarx skond l-artikolu 874 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.***
>
> ***Ir-rikorrenti kien imisshom jindikaw l-ammont li qed jippretendu sabiex jiġi mistħarreġ jekk dik il-pretensjoni hiex prima facie ġustifikata jew eċċessiva.***
>
> ***L-ebda leġittimarju ma jista' jitlob kawtela tas-sehem riżervat li tkun daqs l-eredita' sħiħa.***

Permezz tal-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħhom l-intimati jikkontendu illi r-rikors għandu jiġi miċħud mingħajr il-ħtieġa li jiġi mistħarreġ fil-kontenut tiegħu peress li skond l-intimati ir-rikors promotur ma hux konformi mal-artikolu 874 tal-Kap. 12. Din l-eċċezzjoni hija msejsa fuq il-pretest illi una volta s-sehem riżervat pretiż mir-rikorrenti huwa kreditu kwantifikabbli f'somma flus u ma hux kif kien fil-passat sehem indiviż tal-massa ereditajra kollha, allura skond l-intimati ir-rikorrenti ma kellhomx jintavolaw rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikolu 873 tal-Kap. 12 iżda kellhom jaġixxu ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap. 12.

**Artikolu 873** jipprovdi illi:

"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Filwaqt li **Artikolu 874** jipprovdi illi:

"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."

Għalhekk sewwa jissottomettu l-intimati illi meta si tratta ta' azzjoni msejsa fuq kreditu pretiż konsistenti f'somma flus il-mandat idoneu hu dak kontemplat fl-artikolu 874 u mhux dak kontemplat fl-artikolu 873.

Pero' hija l-fehma tal-Qorti illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ odjern il-kreditu pretiż mir-rikorrenti għadu mhux magħruf lir-rikorrenti stante illi jallegaw illi sallum għadhom fl-impossibilita' li jikwantifikaw il-quantum rappreżentanti s-sehem riżervat tagħhom u kien għalhekk illi kontestwalment mar-rikors odjern intavolaw kawża proprju sabiex jiġi likwidat is-sehem riżervat lilhom spettanti mill-wirt ta' missierhom.

Skond **Artikolu 615 tal-Kap. 16**:

"(1) Is-sehem riżervat huwa l-jedd fuq il-beni tal-mejjet riżervat mil-ligi favur id-dixxendenti tal-mejjet u min mill-mara jew ir-raġel jibqa' ħaj.

(2) L-imsemmi jedd huwa kreditu tal-valur tas-sehem riżervat kontra l-beni tal-mejjet. Mgħaxijiet bir-rata stabbilita fl-artikolu 1139 għandhom jiġu miżjuda ma' dak il-kreditu mid-data tal-ftuħ tas-suċċessjoni jekk is-sehem riżervat jintalab fi żmien sentejn minn dik id-data, jew mid-data tan-notifika ta' att ġudizzjarju jekk it-talba ssir wara li jkun għadda dak il-perjodu ta' sentejn:

Iżda l-Qorti tista', fejn iċ-ċirkostanzi tal-każ hekk jeħtieġu,tiddeċiedi li ma jingħatax imgħax jew tistabbilixxi rata ta' imgħax li tista' tkun inqas minn dik stipulata fl-artikolu 1139."

Filwaqt li skond **Artikolu 616 tal-Kap. 16:**

"(1) Is-sehem riżervat li jmiss lit-tfal kollha, kemm jekk imnissla jew imwielda matul iż-żwieġ jew imnissla jew imwielda barra miż-żwieġ jew adottati, għandu jkun terz tal-valur tal-beni jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erba' fl-għadd jew nofs ta' dak il-valur jekk ikunu ħamsa jew iżjed.

(2) Is-sehem riżervat jinqasam f'ishma daqsinsew bejn it-tfal li jmisshom minnu.

Jekk ma jkunx hemm ħlief tifel wieħed, dan jieħu waħdu t-terza parti kollha hawn qabel imsemmija."

Ikkunsidrat;

Ai termini tal-artikolu 615 tal-Kap 16 il-pretensjoni konsistenti f'sehem riżervat minn assi ereditarji huwa strettament jedd kontra l-beni tal-mejjet u mhux neċessarjament jedd kontra l-eredi universali. Il-liġi ma tipprovdix li tali pretensjoni hija jedd kontra l-eredi universali. Huwa minnu illi għall-pretensjoni tal-leġittimarji fil-maġġorparti tal-każi jirrispondu l-eredi universali illi ma jkunux irrinunzjaw għall-wirt, pero' anke dawk l-eredi universali illi ma jkunux irrinunzjaw għall-wirt il-liġi wkoll tipprovdilhom kawtela kontra l-pretensjonijiet ta' terzi fil-konfront tal-assi ereditarji billi l-liġi tagħtihom id-dritt illi jaċċettaw il-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju.

Is-sehem riżervat jitwieled fl-istess ħin li jiġi nieqes id-decujus. Tali sehem riżervat huwa mogħti prinċipalment lill-konjuġi superstiti u lill-ulied illi ma jkunux tilfu tali dritt.

Ma jirriżultax mill-atti illi l-intimati qed jikkontendu li r-rikorrenti m'għandhomx pretensjoni li tagħtihom id-dritt li jikkawtelawha; għandhom jew m'għandhomx raġun fil-mertu.

Il-pretensjoni tar-rikorrenti tikkonsisti f'ammont li għad irid jiġi likwidat fil-kawża fil-mertu konsistenti f'terz tal-valur tal-assi ereditarji imħollija mid-decujus. Fil-likwidazzjoni tas-sehem riżervat irid ukoll jittieħed kont ta' dak kollu li minnu t-testatur, b'titolu gratuwitu bħal donazzjonijiet, ikun iddispona favurta' xi ħadd. (**Artikolu 620 tal-Kap. 16**).

Għalkemm sewwa eċċepew l-intimati illi l-azzjoni għas-sehem riżervat m'għadiex illum il-ġurnata actio *in re* kif kienet fil-passat qabel l-emendi; pero' fl-istess ħin id-dritt għas-sehem riżervat kien u għadu jedd fuq il-beni tal-mejjet.

Mill-atti jirriżulta prima facie illi hemm proprjetajiet immobiljari illi kienu jappartjenu lid-decujus personalment jew jappartjenu lill-kumpaniji li fihom id-decujus kien azzjonist. Ir-rikorrenti qed jippretendu li s-sehem riżervat lilhom spettanti jinkludi il-valur tal-ishma f'dawk il-kumpaniji, liema valur naturalment jiddependi wkoll mill-valur tal-immobbli li taghhom dawk il-kumpaniji huma sidien u għalhekk huwa meħtieġ għall-finijiet tal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat illi tali ishma jiġu valutati

tenut kont l-immobbli appartenenti lill-kumpanija jew kumpaniji li d-decujust kien azzjonist tagħhom.

Hemm ukoll proprjeta' partikolari li r-rikorrenti jqisu li għandha valur ta' circa tlett miljun ewro (€3,000,000); filwaqt li l-intimati jqisu li għandha valur ta' tlett mija u ħamest elef ewro (€305,000), differenza ta' circa €2,700,000.

Is-sehem riżervat jiġi wkoll kalkolat fuq assi mobiljari bħal flus kontanti jew flus f'kontijiet bankarji; investimenti fi strumenti finanzjarji; oġġetti ta' valur; titoli ta' kreditu; krediti tad-decujus kontra terzi fost l-oħrajn.

Huwa evidenti illi f'dan l-istadju r-rikorrenti huma fl-impossibilita' li jikwantifikaw f'somma anke approssimattiva is-sehem riżervat li huma jippretendu li jgawdu.

Għalhekk fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ il-Qorti ma tqisx bħala fondata l-eċċezzjoni mressqa mill-intimati illi r-rikors imressaq mir-rikorrenti huwa null u irritwali għaliex mhux msejjes fuq l-artikolu 874. Kif rajna, min jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ai termini tal-artikolu 874 tal-Kap 12 irid taħt ġurament jiddikjara ammont ta' flus, ċifra speċifika, dwar l-ammont reklamat. Fil-fehma tal-Qorti, tenut kont illi huwa evidenti li r-rikorrenti għad ma humiex f'posizzjoni li jikwantifikaw il-quantum tas-sehem riżervat minnhom pretiż, aġixxew korrettement meta talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni fir-rigward tal-assi ereditarji kollha sabiex jikkawtelaw id-dritt minnhom pretiz kontra "l-beni tal-mejjet" kif kontemplat fl-artikolu 615 tal-Kap. 16.

***L-Eċċezzjoni illi t-tielet talba ma tistax tintlaqa' stante li l-liġi tipprovdi mezz ieħor ta' kawtela.***

Permezz tat-tielet talba ir-rikorrenti qed jitolbu illi l-intimati jiġu inibiti milli jitrasferixxu jew jipotekaw fost l-oħrajn ishma li għandhom f'isimhom u li wirtu mingħand id-defunt Joseph Grima. Qed jitolbu wkoll li l-intimati jiġu inibiti milli jagħtu struzzjonijiet għall-istralċ tal-kumpaniji riferiti.

Għalkemm l-intimati eċċepew illi r-rikorrenti kellhom rimedji oħra disponibbli għalihom fil-liġi sabiex iżommu lill-intimati milli jiddisponu mill-azzjonijiet fil-kumpaniji de quo jew milli jwasslu lill-kumpaniji għal stralċ, fil-fehma tal-Qorti it-tielet talba fir-rikors promotur, una volta msejsa fuq artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili, taqa' fil-kawtela mogħtija lir-rikorrenti mingħajr il-ħtieġa li jirrikorru għal rimedji ta' kawtela oħra kontemplati fil-Kodiċi Kummerċjali.

**L-Eċċezzjoni li r-rikors ma jistax jiġi milqugħ stante li ma jissodisfax ir-rekwiżiti imposti bl-artikolu 873 tal-Kap. 12**.

**Elementi tal-Mandat ta' Inibizzjoni taħt l-Artikolu 873 tal-Kap. 12**.

Il-mandat mitlub mir-rikorrenti huwa wieħed ġenerali maħsub taħt l-**Artikolu 873 tal-Kapitolu 12** u mhux taħt l-Artikolu 874. Il-mandat ta' inibizzjoni taħt l-artikolu li fuqu huwa imsejjes ir-rikors in diżamina għandu l-iskop li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat[1] u mhux sabiex jikkawtela xi kreditu minnu pretiż.

[1] Artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12.

Il-persuna li titlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni tax-xorta bħal dak mitlub mir-rikorrenti jeħtiġilha tissodisfa żewġ elementi sabiex it-talba tagħha tintlaqa' (a) trid turi li l-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu jeddijiet li tippretendi li għandha, u (b) tkun tidher li għandha, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*), dawk il-jeddijiet.[2]

Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant. Ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Lulju 1988 fil-kawża **Sonia Grech pro et noe vs. Stephanie Manfrè** li *'huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant. Jew il-jeddijiet jidhru prima facie, ma' l-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat.'*

Bl-użu tal-kelma 'u' fit-tieni sub-artikolu tal-Artikolu 873, il-leġislatur ried li ż-żewġ elementi ikunu kumulattivi u mhux alternattivi. B'dan ifisser għalhekk illi jekk wieħed minn dawn iż-żewġ elementi jkun nieqes, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. Tajjeb jingħad ukoll li l-proċedura tal-mandat huwa wieħed sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smiegħ tal-kawża dwar l-istess jedd, huwa għalhekk li r-rikorrenti trid turi mad-daqqa t'għajn li hija għandha jedd.

[2] Artikolu 873 (2) tal-Kapitolu 12.

Ikkunsidrat;

**Id-Dritt Prima Facie**.

Il-funzjoni tal-Qorti li titratta talba għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma hux li tiddelibera u tiddeċiedi jekk il-pretensjoni tar-rikorrenti hiex fondata iżda hija limitata sabiex tara jekk jidhirx prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd minnu pretiż. It-test tal-liġi fir-rigward hu li l-Qorti m'għandiex toħroġ mandat ta' inibizzjoni jekk ma tkunx sodisfatta "... li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet." Ir-riga li l-Qorti trid tuża fi proċeduri bħal dawk odjerni hija ta' qies sostanzjalment differenti mir-riga li trid tuża f'kawża fil-mertu dwar dik l-istess pretensjoni. Fil-kawża fil-mertu l-Qorti tilqa' t-talbiet attriċi jekk jirriżultalha illi almenu sal-livell ta' probabilita' t-talbiet attriċi huma fondati sew fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

B'differenza, fi proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni il-Qorti għandha tordna mandat ta' inibizzjoni jekk tasal għall-konklużżjoni illi f'dak l-istadju u b'dak li huwa magħruf fil-proċedura sommarja bħal dik odjerna "prima facie jidher" li r-rikorrent għandu dawk il-jeddijiet. Fil-proċedura odjerna l-Qorti mhiex ser tiddeċiedi jekk per eżempju l-azzjoni li qed jittentaw ir-rikorrenti fil-mertu hiex nulla jew jekk hiex preskritta jew perenta. Lanqas ser tiddelibera u tiddeċiedi jekk ir-rikorrenti għandhomx l-interess ġuridiku meħtieġ sabiex jintavolaw kawża fil-mertu. Tali deċiżżjoni tispetta lill-Qorti adita mill-kawża fil-mertu.

Mill-banda l-oħra mhux kull pretensjoni taqa' fid-definizzjoni ta' "jedd li jidher prima facie." Altrimenti il-proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jispiċċaw strument ta' abbuż bi skop sinistru ta' dak li fil-lingwa ingliża jissejjaħ "arm twisting".

F'sistemi legali diversi talbiet għall-ordnijiet bħax-xorta ta' mandat ta' inibizzjoni jiġu akkolti jekk jirriżulta fi proċedura sommarja "a credible claim", l-hekk imsejjaħ "fumus boni iuris". Il-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem f'sentenza mogħtija fit-2 ta' Diċembru 2014 fl-ismiijet **"Maria Carmela Maniscalco vs l-Italja",**[3] liema sentenza kienet titratta ordni kawtelatorju maħruġ mill-Qorti Taljan, iddefinit il-frażi "fumus boni iuris" bħala "presumption of sufficient legal basis".

Id-domanda naturali f'dan l-istadju hi jekk il-frażi "prima facie jidher" użata fil-liġi Maltija għandiex l-istess sinifikat tal-frażi "fumus boni iuris" utilizżata diversi drabi mill-Qrati Maltin. Tradotta *ad litteram* din il-frażi tfisser "id-duħħan ta' dritt" fuq il-proverbju illi fejn hemm id-duħħan wisq probabli hemm in-nar. Prima facie' għandha tittieħed bħala li tfisser mad-daqqa t'għajn u mhux wara xi indaġini approfondita f'kuntest ta' kawża fil-mertu. Filwaqt li l-frażi "jidher" għandha tinftiehem illi l-jedd pretiż, għalkemm mhux ċert li hu fondat, għandu almenu jitqies li għandu l-potenzjal li jiġi rikonoxxut f'kawża fil-mertu, a kuntrarju ta' ċirkostanza fejn mad-daqqa t'għajn tali pretensjoni tidher mill-ewwel li ma hiex fondata.

[3] Applikazzjoni nru. 19440/10

Wara li l-Qorti qieset l-atti kollha ppreżentati u s-sottomissjonijet magħmula mill-abbli difensuri tal-partijiet tqis illi ir-rikorrenti seħħielhom jissodisfaw ir-rekwiżit ta' "prima facie jidher" li r-rikorrenti għandhom il-jeddijiet kif meqjusa fl-Artikolu 873 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Stabbilit illi l-pretensjoni tar-rikorrenti tikwalifika bħala jedd li prima facie r-rikorrenti jidher li għandhom; jeħtieġ issa l-Qorti tgħaddi sabiex tiddelibera dwar jekk tali jedd li jidher prima facie jeħtieġlux il-kawtela bil-mezz ta' mandat ta' inibizzjoni pendenti l-eżitu tal-kawża fuq imsemmija.

Kif deliberat supra, il-pretensjoni tar-rikorrenti hija jedd fuq il-beni tal-mejjet kwantifikabbli mhux biss fuq l-assi f'isem il-mejjet fil-mument li ġie nieqes iżda wkoll meħud in konsiderazzjoni l-valur tal-beni li d-decujus iddispona b'titolu gratiwitu matul ħajtu. Il-liġi tipprovdi illi l-Qorti għandha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni jekk jirriżulta illi bit-twettiq ta' dak li qed jintalab li jiġi bil-mandat miżmum, il-jedd tar-rikorrenti "jista'" jiġi preġudikat. L-użu tal-kelma "jista'" turi illi f'dan l-istadju tal-proċeduri ta' bejn il-partijiet il-possibilita' ta' preġudizzju hija wkoll suffiċjenti għall-akkoljiment tal-mandat ta' inibizzjoni. F'waħda mill-eċċezzjonijiet tagħhom l-intimati jissottomettu illi mhux mogħti lill-leġittimarji illi jifriżaw l-assi kollha tal-massa ereditarja meta l-massimu tal-pretensjoni tar-rikorrenti tista' biss twassal għal terz tal-valur tal-beni formanti parti mill-assi ereditarji. U kif rajna supra, huwa proprju dan li jwassal lill-Qorti li tilqa' t-talba tar-rikorrenti peress illi jirriżulta mill-atti illi hemm assi illi dwarhom hemm nuqqas ta' qbil enormi dwar il-valuri tagħhom. Inoltre jidher illi hemm assi

li jridu jittieħdu in konsiderazzjoni għal-likwidazzjoni tas-sehem riżervat li għadhom mhux magħrufa lir-rikorrenti jew addirittura ġia sar it-trasferiment tagħhom lil terzi wara li ġie nieqes id-decujus.

Il-Qorti għalhekk tqis illi ai termini tal-Artikolu 873 (2) tal-Kap. 12 il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huwa meħtieġ sabiex jiġu kawtelatri l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti.

***L-Eċċezzjoni li ċ-ċessjoni li saret bejn ir-rikorrenti u ħuthom l-oħra ma hijiex opponibbli fil-konfront tagħhom stante li ma sarx dak li jrid l-artikolu 1471 tal-Kap. 16.***

Tali eċċezzjoni ma hiex opponibbli fi proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni għaliex tappartjeni interament għall-kawża fil-mertu. Ir-rikorrenti eżebew kopja ta' kuntratt tal-31 ta' Ottubru 2019 in atti Nutar Dr Malcolm Mangion fejn ġie trasferit lir-rikorrenti odjerni id-dritt litiġjuż taż-żewħ ħuthom l-oħra fir-rigward tal-wirt ta' missierhom. Jekk tali trasferiment hux opponibbli fil-konfront tal-intimati mhux mertu li għamdui jiġi deċiż fi proċedura sommarja bħal ma hi dik odjerna.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Peter Paul Grima et. tad-29 ta' Marzu 2021 billi,

1. Tilqa' r-rikors;

2. Tordna l-ħruġ tal-mandat kif mitlub,

3. Tordna n-notifiki skond il-liġi.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju fil-kawża fil-mertu.

**Mogħti kameralment illum 18 ta' Mejju 2021.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**